

# News Releases

Home » Ir-Rata tal-Qgħad: April tal-2023

Punti ewlenin | Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija

# Ir-Rata tal-Qgħad: April tal-2023

NR094/2023 Data tal-Ħruġ: 29 ta' Mejju 2023

*Ir-rata tal-qgħad aġġustata għall-effetti tal-istaġun għax-xahar ta' April 2023 kienet ta' 2.8 fil-mija, li hija 0.1 punt perċentwali inqas mix-xahar ta' qabel.*




**Il-fatturi li wasslu għar-rata tal-qgħad tax-xahar aġġustata bl-istaġun**

F'April 2023, ir-rata tal-qgħad kienet 2.8 fil-mija, tnaqqis ta' 0.1 punt perċentwali meta mqabbla max-xahar ta' qabel u tnaqqis ta' 0.2 punt perċentwali meta mqabbla mal-istess xahar ta' sena qabel (Tabella nru 1). Infatti, is-sett ta' rati tal-qgħad baqa' stabbli madwar it-tlieta fil-mija fl-aħħar sena.

F'April 2023, l-għadd ta' nies qegħdin kien ta' 8,523, bl-irġiel u b'dawk il-persuni li kellhom bejn il-25 u l-74 sena jkunu dawk li kellhom l-aktar sehem mil-livell kollu tal-qgħad. L-għadd ta' żgħażagħ qegħdin, aġġustat għall-effetti tal-istaġun ammonta għall-2,263, mentri l-għadd ta' nies qegħdin li kellhom bejn il-25 u l-74 sena ammontaw għal 6,259 (Tabella nru 2).

## Ċart 1. Ir-rata tal-qgħad ta' April 2023, aġġustata għall-effetti tal-istaġun




F'April 2023, ir-rata tal-qgħad għall-irġiel kienet ta' 3.1 fil-mija, u b'hekk naqset b'0.1 punt perċentwali meta mqabbla max-xahar ta' qabel. Sadattant, ir-rata għan-nisa kienet ta' 2.5 fil-mija, u b'hekk naqset b'0.1 punt perċentwali minn Marzu 2023 (Tabella nru 1).

Ir-rata tal-qgħad għall-persuni ta' bejn il-15 u l-24 sena (ir-rata tal-qgħad taż-żgħażagħ) kienet ta' 8.8 fil-mija, filwaqt li dik għall-persuni li kellhom bejn il-25 u l-74 sena baqgħet stabbli ta' 2.3 fil-mija (Tabella nru 1, Ċart nru 2).

## Ċart 2. Ir-rata tal-qgħad ta' April 2023 bil-gruppi tal-età, aġġustata għall-effetti tal-istaġun

